A.L. 150 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA*

(ATT NRU. XXVI TA' l-2001)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1 (2) ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Investiment stabbilixxa l-15 ta' Lulju, 2003, bħala d-data meta l-artikoli 3 sa 28 ta' l-Att, għandhom jiġu fis-seħħ:–

Iżda d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 7 sa 9 u 12 sa 17, għandhom japplikaw kif ġej:

(a) mill-15 ta' April, 2004 meta l-ipproċessar awtomatiku tad-*data* personali jkun digà nbeda fil-15 ta' Lulju, 2003;

(b) mill-24 ta'Ottubru, 2007, meta l-ipproċessar tad-*data* personali miżmuma f'sistema ta' ffajljar manwali jkun digà nbeda fil-15 ta' Lulju, 2003.